MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 2434/1997/1

**Zammit Automobiles Ltd.**

**Vs**

**Charles Bezzina**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz tieghu gie premess illi in forza ta' skrittura datata 19 ta' Lulju, 1995 (Dok.A) is-socjeta' attrici bieghet lill-konvenut coach tal-marka Ghabbour numru ta' registrazzjoni Y-2525 bil-prezz ta' tlieta u sittin elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm63,250).

Premess illi skond ma jirrizulta mill-anness prospett (Dok. B) il-konvenut sal-lum hallas s-somma komplessiva ta'

tmienja u erbghin elf seba' mija u hamsin Lira Maltin l-ahhar pagament fit-18 ta' Settembru 1995.

Premess illi l-ammont dovut illum huwa inkwantu ta' sbatax-il elf tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm17,328.38) bilanc tal-kapital u inkwantu ta' elfejn sebgha mija u disgha u disghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,799.13) imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma inkwantu ta' sbatax-il elf tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm17,328.38) bilanc tal-kapital u inkwantu ta' elfejn sebgha mija u disgha u disghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,799.13) imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997.

Bl-imghax legali ulterjuri mill-25 ta' Settembru, 1997 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u tal-mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 17 tal-process fejn eccepew:

A. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ma tinkludix l-allegat mandat tal-attur, kif hu tassattivament rikjest mil-ligi tal-Procedura.

Illi inoltre t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti :

1. Illi huma xtraw ix-xarabank in kwistjoni bhala gdida bil-prezz ta' tlieta u sittin elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm63,250) izda rrizulta li kien fiha hafna difetti u dana kif

jirrizulta mill-anness rapport ta' Joseph Zammit mmarkat Dok. A.

2. Illi l-attur kien offra s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000) lill-konvenuti bhala *in full and final settlement* izda dawn irrifjutaw hekk kif id-difetti tieghu baqghu dejjem jikbru.

3. Illi huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenuti u dana sabiex huma jkunu jistghu jirrangaw ix-xarabank mid-difetti li fiha li aktar ma jghaddi z-zmien aktar qed jikbru l-hsarat.

4. Illi minhabba s-sekwestru ta' l-attur huma ma jistghux jisselfu mill-bank sabiex isewwu bla pregudizzju l-hsarat tax-xarabank.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat **it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut** a fol. 20 fejn ippremetta li huwa kien xtara minghand l-attur coach tal-marka Ghabbour numru Y 2521 (sic Y 2525) bil-prezz ta' Lm63,250;

Peress illi din il-coach irrizulta li kienet difettuza tant li anke s-saqaf iqattar meta taghmel ix-xita u dana kif jirrizulta mill-anness rapport ta' Joseph Zammit u markat Dok A;

Peress illi ghalkemm interpellat biex isewwi dawn il-hsarat l-attur baqa' inadempjenti;

Ighid il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbili Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi li l-imsemmija coach Ghabbour Y 2521( sici Y2525) kien fiha fil-mument tal-bejgh taghha lill istess konvenut difetti li jnaqqsu l-valur taghha;

2. tillikwida l-ammont ta’ dawn id-difetti;

3. tikkundanna lill-attur ihallas lill konvenuti l-ammont ta’ danni hekk likwidati bl-imghax mid-data ta’ 20 ta’ Lulju 1995 .

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghall-kontro-talba** tal-konvenuti a fol. 42 tal-process fejn eccepiet :

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma perenti u preskritti ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

2. Illi t-talba rikonvenzjonali sabiex jigu likwidati dawn id-difetti hija nsostenibbli guridikament in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma jigux likwidati id-difetti izda dik is-somma li x-xerrej ma kienx ihallas kieku jaf bid-difetti allegati.

3. Illi t-talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni hija irritwali in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma tistax tintalab kundanna ghall-hlas tad-danni liema talba tista’ biss tigi proposta flimkien ma l-azzjoni redhibitoria.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li hemm id-difetti allegati.

5. Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, fil-mument tal-bejgh is-socjeta’ attrici ma kienet taf li hemm ebda difetti u ghalhekk ma hi responsabbli ghall-ebda danni.

6. Illi t-talba ghall-hlas tal-imghax mill-20 ta’ Lulju, 1995 hija wkoll infondata fid-dritt peress li l-ebda imghax ma jibda iddekorri fuq danni li mhumiex likwidati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 14;

Rat is-sentenza preliminari a fol. 130;

Rat id-digriet a fol. 147;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti a fol. 165;

Rat il-verbal a fol, 166;

Rat is-sentenza taghha a fol. 194;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mix-xhieda ta'Joseph Zammit u mid-dokument ezibit minnu Dok ZJ a fol. 230 jirrizulta li l-ammont mitlub fid-dokumenti ezibiti mill-konvenut ta' Lm14,500 huwa ghall kapital minghajr imghax. Fid-dokument ZJ jidher kif saru l-pagamenti u kif inhadem l-imghax bil 8%. L-ammont tal-vettura kien ta' Lm63,250 u saru tlett pagamenti u baqa' bilanc fuq il-kapital ta' LM 17,328.37.8. L-ahhar pagament sar fil 18 ta' Settembru 1995 u l-imghax ta' 8% baqa' ghaddej minn dak in nhar.

Illi ghalhekk l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa dovut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi

billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm17,328.38) bilanc tal-kapital u elfejn seba' mija u disgha u disghin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2,799.13) imghax kalkulat sal-25 ta' Settembru, 1997.

Bl-imghax ulterjuri sal eventwali pagament
u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------